**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Lorraine Vucinovic *pro et noe*

*versus*

Radislav Vucinovic

**Separazzjoni Personali - Manteniment - Minorenni - Aċċess - Vjolenza - Dekadenza**

*Kawża fejn l-attriċi talbet separazzjoni personali kontra żewġha. Ġiet ikkonfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża ta' separazzjoni personali ad istanza tal-mara, l-attriċi, kontra żewġha, il-konvenut, promossa b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attriċi ppremettiet illi l-konvenut żewġha rrenda ruħu ħati kontra l-attriċi martu ta' eċċessi, sevizzi, theddid, swat u inġurji gravi b'mod li rrenda l-ħajja konjugali ta' bejniethom impossibbli;

Illi miż-żwieġ tagħhom twieled tifel Dejan li għadu tarbija;

Illi l-konvenut huwa obbligat li jmantni lill-attriċi u lil ibnu minuri;

Illi l-attriċi u binha qegħdin jgħixu mal-ġenituri ta' l-attriċi;

Premess dan kollu, l-attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-konvenut;

Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti;

Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u taqsamha

f'żewġ partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li, jekk ikun il-każ, il-konvenut jitlef kull jedd li għandu għan-nofs l-akkwisti illi waqt iż-żwieġ ikunu saru l-aktar bil-ħila ta' l-attriċi u dan minn data li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-konvenut ta lok li ssir din is-separazzjoni;

Tassenja ż-żewġ porzjonijiet, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attriċi, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, l-oġġetti kollha dotali u parafernali tagħha inkluż flus u deheb u fin-nuqqas tikkundannah iħallas lill-attriċi l-valur tagħhom kif jiġi llikwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmi tifel minuri Dejan f'idejn l-attriċi;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi għaliha u għal binha minuri dik ir-retta alimentari li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bil-modalità ta' ħin, lok u ġurnata li tiġi ukoll stabbilita;

Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili";

Il-konvenut hekk eċċepixxa għat-talbiet attriċi:

"Illi l-kawża tat-tkissir taż-żwieġ huwa attribwibbli lill-attriċi minħabba l-aġir tagħha;

illi huwa jiċħad l-addebiti magħmulin kontra tiegħu";

B'sentenza tal-5 ta' Frar, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

"Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddeċidi billi: (1) tilqa' l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tippronunzja l-firda personali ~~bejn il-kontendenti sk~~ond l-artikolu 35 (1) tal-Kodiċi Ċivili, u dan minħabba eċċessi, moħqrija u offiżi gravi da parti tal-konvenut kontra l-imsemmija attriċi; (2) tilqa' t-tieni talba attriċi u konsegwentement ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konklussiva; (3) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' talbiet attriċi; (4) tilqa' l-ħames talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut irodd lura lill-attriċi, billi jħallasha s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600); (5) tilqa' s-sitt talba attriċi u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel Dejan lill-attriċi, b'dan però li l-Qorti tordna li l-konvenut għandu jkollu aċċess għall-imsemmi Dejan darbtejn fil-ġimgħa kif ġej: kull nhar ta' Ħadd bejn nofs in-nhar (12.00 p.m.) u t-tlieta ta' wara nofs in-nhar (3.00 p.m.) u kull nhar ta' Erbgħa bejn il-ħamsa ta' wara nofs in-nhar u s-sitta ta' wara nofs in-nhar (5.00 p.m. - 6.00 p.m.); (6) tilqa' s-seba' talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi bħala manteniment għaliha u għall-minuri Dejan is-somma ta' ħamsa u tletin lira (Lm35) fil-ġimgħa, kwantu għal ħmistax-il lira bħala manteniment għall-attriċi u għoxrin lira bħala manteniment għall-imsemmi minuri, din is-somma għandha titħallas bil-quddiem fil-post fejn tkun qed tirrisjedi l-attriċi; (7) tilqa' t-tmien talba attriċi limitatament kif ġej u ċjoè billi tiddikjara li l-konvenut tilef il-jeddijiet u dak kollu imsemmi fil-paragrafi (a) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, inklużi dawk quddiem is-Sekond'Awla, għandhom jitħallsu mill-konvenut";

L-Ewwel Qorti mmotivat is-sentenza tagħha hekk:

"Il-partijiet iżżewwġu fit-23 ta' Ottubru, 1992. Mill-provi prodotti - konsistenti kemm f'*affidavits* kif ukoll f'deposizzjonijiet, kemm in eżami u kontro-eżami, mogħtija fl-udjenzi - din il-Qorti hi sodisfatta li matul iż-żwieġ tagħhom u sa ma l-attriċi qabdet u telqet mid-dar konjugali fis-27 ta' Lulju, 1994, kien hemm diversi inċidenti ta' vjolenza, kemm fiżika kif ukoll morali, eżerċitata mill-konvenut fil-konfront ta' martu. Il-Qorti trid tagħmilha ċarra li hi eskludiet, fis-sens li ma ħaditx in konsiderazzjoni dak kollu fl-*affidavits* (u anke xi minn daqqiet fid-deposizzjonijiet mogħtija fl-udjenzi) li hu jew jista' jkun sempliċement *hearsay* (artikolu 598 (1), Kap.12). Minkejja dan, il-Qorti hi sodisfatta li matul il-perijodu ta' anqas minn sentejn li l-partijiet għamlu jgħixu flimkien, l-attriċi kienet il-vittma ta' diversi inċidenti ta' swat kif ukoll attitudini aggressiva u umiljanti da parti ta' żewġha. Hekk, per eżempju, l-inċident imsemmi mill-attriċi a fol 25, meta huwa beżqilha f'wiċċha u in segwitu anke sawwatha, hu kkorroborat minn Jesabel Vella (fol. 49). Li wieħed jgħajjar lil martu "qaħba" (fol. 26, 113) jammonta ukoll għall-inġurja gravi, għax il-kelma hi ntiża li toffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem (ara **Giuseppa Agius** *vs* **Pacifico Agius**, Qorti ta' l-Appell 10/12/51, Vol. XXV.I.218,220). Għalkemm fl-*affidavit* u fid-deposizzjoni tiegħu il-konvenut jiċħad ħafna mill-addebiti - hu jammetti inċident wieħed biss ta' swat, fol. 102, 107 - din il-Qorti sempliċement ma temminux. Il-Qorti hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi li x-xorb tal-konvenut kellu x'jaqsam ħafna ma' diversi mill-inċidenti ta' vjolenza li jirriżultaw ippruvati;

Jirriżulta ukoll ippruvat li l-attriċi ġabet magħha fiż-żwieġ

is-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) (ara deposizzjoni ta' l-attriċi fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 1993, fol. 111, a fol. 113), *liema somma, flimkien ma' ammont iżgħar, l-attur ħa miegħu* meta ftit żmien wara ż-żwieġ hu tela' l-Bosnia u miegħu lura ma ġab xejn minnhom. Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 1995 (fol. 105 ta' l-atti), il-partijiet qablu li ma kienx hemm immobbli fil-komunjoni ta' l-akkwisti, filwaqt li l-uniċi mobbli fil-komunjoni ta' l-akkwisti kienu Video VCR u televixin, li l-konvenut iddikjara li jistgħu jinżammu mill-attriċi. Sehem il-konvenut minn dawn iż-żewġ oġġetti ser jitnaqqas mis-somma ta' Lm700 imsemmija, li allura ser tiġi Lm600. Il-partijiet qablu ukoll li ma kienx hemm flus appartenenti għall-komunjoni x'jinqasmu, u li ma kienx hemm anqas lok għall-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali peress illi meta kienu jgħixu flimkien huma kienu jabitaw f'post, proprjetà tal-ġenituri ta' l-attriċi, u fi kwalunkwe każ, illum il-konvenut qed jgħix għal rasu;

Kwantu għall-minuri, ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni li. tenut kont ta' l-età tat-tifel Dejan u taċ-ċirkostanzi kollha, dan għandu jiġi afdat fil-kura u l-kustodja ta' l-attriċi. Mid-deposizzjoni ta' John Debono, mogħtija fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 1995, (fol. 68) jirriżulta li l-konvenut jaħdem u bħala medja jdaħħal mal-mija u ħamsin (Lm150) lira kull ġimagħatejn (meta wieħed jgħodd l-*overtime* iżda mhux il-*bonuses*) (Lm110 *basic* + Lm49 medja ta' l-*overtime*). L-attriċi bħalissa ma taħdimx (fol. 1110). Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-manteniment li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi għaliha u għall-minuri Dejan għandu jkun ta' ħamsa u tletin lira (Lm35) fil-ġimgħa, kwantu għal ħmistax-il lira (Lm15) manteniment għall-attriċi u għoxrin lira (Lm20) manteniment għall-minuri";

Appella minn din is-sentenza biss il-konvenut. L-attriċi ma appellatx u dan ifisser li hi aċċettat id-dispositiv tagħha u l-Qorti jeħtiġilha allura tikkunsidra biss l-aggravju tal-konvenut.

Aggravju li hu jinkwadra f'dawn il-fatti li għalih huma dawk determinanti għall-meritu;

Li hu ta' nazzjonalità Jugoslava li żżewweġ Maltija u ried li jkollu familja;

Li minħabba d-diversità bejn il-mentalità tal-partijiet kien hemm nuqqas ta' qbil;

Dan in-nuqqas ta' qbil beda jikber meta martu bdiet issib attenzjoni minn raġel ieħor u minkejja kull tentattiv biex jipprova jżomm il-familja flimkien, l-appellata baqgħet tippersisti fir-relazzjoni "bis-serjetà" li kellha;

Li waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-attriċi martu bdiet taħdem;

Din il-Qorti eżaminat l-atti u l-provi prodotti u hi sodisfatta illi l-konvenut konvenjentement naqas li jsemmi fatti oħra li ġew ippruvati għall-konvinċiment ta' l-Ewwel Qorti u li huma ukoll determinanti għad-deċiżjoni ta' l-ewwel talba fondamentali għall-azzjoni taħt eżami. Dik ċjoè dwar li s-separazzjoni personali kellha tkun pronunzjata minħabba ħtijiet attwibbli għall-istess konvenut appellant. L-attriċi ppruvat b'mod konklussiv - in parte ukoll bl-ammissjoni rikalċitranti ta' l-istess konvenut - li dan kien ta' disposizzjoni vjolenta fil-konfront tagħha. Ġew identifikati inċidenti partikolari ta' swat u theddid, speċjalment wieħed li bħala konsegwenza tiegħu l-attriċi ddeċidiet li tabbanduna d-dar konjugali;

Din il-Qorti ma tifhimx is-sottomissjoni tal-konvenut illi n-nuqqas ta' qbil kien dovut għad-diversità bejn il-mentalità tal-partijiet. Jekk b'dan l-appellant irid jiġġustifika d-disposizzjoni awtoritarja u vjolenti tiegħu fil-konfront ta' martu, tali

atteġġjament hu għal kollox inaċċettabbli, kienet x'kienet il-mentalità tal-parti l-oħra fiż-żwieġ, jew l-isfond kulturali tagħha. Lanqas jista' jkun ġustifikat, b'din ir-raġuni, il-mod kif *l-appellant deherlu li seta' jibqa' jgħix wara li jiżżewweġ*, b'nuqqas ovvju ta' responsabbilità lejn martu u ibnu bl-istess atteġġjamenti u bl-istess tip ta' ħajja kif kien jgħix qabel iżżewweġ;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha elementi biex b'xi mod tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi miġbura quddiemha. Apprezzament li għamlet ġustament anke billi skartat dawk il-partijiet mid-disposizzjonijiet magħmula permezz ta' *affidavit* li setgħu kienu koloriti bi preġudizzju qawwi u familjari u li ma kinux allura, b'mod preċiż, attinenti mal-fatti. Apprezzament li wassalha għall-konvinċiment li l-konvenut kien il-kaġun tat-tifrik taż-żwieġ bejn il-kontendenti. Il-vjolenza ma kinitx limitata għal xi *inċident sporadiku*, kienet fiżika u akkumpanjata bit-theddid. L-appellant jiddikjara li hu ma jiftakarx li aġixxa bil-mod vjolenti kif ġie ppruvat li aġixxa, anke fi żminijiet delikati bħal meta l-attriċi kienet tqila. Din il-Qorti ukoll hi sodisfatta li l-konvenut kien isir vjolenti meta jisker u tinnota li l-appellant jibqa' jinsisti *li meta jkun fis-sakra jibqa' xorta fil-pussess tal-*fakoltajiet mentali tiegħu u li jiftakar kull ma jkun ġara;

Din il-Qorti - bħall-Ewwel Qorti - hi sodisfatta illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti kien tfarrak irrimedjabbilment u ta' dan kien jaħti esklussivament il-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' eċċessi, inġurji gravi u minaċċi li kienu ampjament jiġġustifikaw lill-attriċi li titlob li tissepara minn miegħu;

*Hu minnu li l-attriċi appellata* tammetti li llum għandha relazzjoni serja ma' terza persuna. Tiċħad li għandha relazzjoni sesswali miegħu li allura tirrendi din ir-relazzjoni waħda

platonika. Il-Qorti, dwar dan, intitolata jkollha r-riservi tagħha, però, hi sodisfatta li din ir-relazzjoni, hi kif inhi, bdiet sewwa wara li ż-żwieġ mal-konvenut appellanti, kien irrimedjabbilment tfarrak ħtija tiegħu. Il-Qorti allura ma tistax ma tqisx illi dak it-tifrik ma kienx konsegwenza ta' din ir-relazzjoni ġdida, imma kien il-kawża tagħha. Dan għaliex l-attriċi spiċċat biex fittxet il-wens ta' ħaddieħor u ssokkombiet għall-attenzjoni tiegħu wara li kienet ġiet imġiegħla tallontana ruħha minn żewġha minħabba l-komportament tiegħu. Il-konvenut ċertament ma jistax jiġġustifika, bl-aġir tiegħu, li martu kienet il-kaġun tat-tifrik taż-żwieġ u li kellha tirrispondi fil-liġi għalih billi jittanta jieħu vantaġġ mill-fraġilità umana ta' martu meta hu ppruvat li kienet ġiet ipprovokata minn żewġha biex tabbanduna d-dar konjugali;

L-appellant qed jippretendi aktar ħin għall-aċċess ta' ibnu minuri għax jinsab waħdu f'Malta, m'għandu lill-ħadd u allura għandu ħin aktar għat-tifel. Jallega li t-tifel ikun ħafna ma' martu "u anke mal-ħabib". L-Ewwel Qorti ma kinitx preokkupata bl-arranġament preżenti fejn jirrigwarda l-interess tal-minuri. Però dik il-Qorti ma ħassitx li kellha ċċaħħad lill-minuri ta' età tenera mill-kura kostanti ta' ommu u ma qisitx ir-relazzjoni extra-konjugali safejn ġiet ippruvata u ammessa, bħala waħda ta' ħsara għall-minuri. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha raġuni għaliex tiddisturba l-arranġament li għamlet l-Ewwel Qorti, anke kkunsidrat ir-raġunijiet għaliex il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ kienet qed tiġi akkollata fuq il-missier. F'kull każ, l-arranġamenti dwar l-aċċess huma dejjem soġġetti għall-modifika mill-Qorti, fuq ir-rikors ben motivat li jikkonvinċi dwar x'kien il-veru nteress tal-minuri. Fil-verità jispetta lill-appellant li bl-aġir responsabbli tiegħu jakkwista l-fiduċja ta' min irid jiddeċidi li kien jimmerita li jingħata aktar aċċess għal ibnu daqskemm kien jispetta lill-appellata li ma tagħmel xejn bl-aġir tagħha fir-relazzjonijiet personali tagħha li tippreġudika l-kura u l-kustodja ta' binha;

L-appellant jilmenta mill-*quantum* tal-manteniment li jissottometti li hu esaġerat għall-mezzi tiegħu. Jissottometti li martu kienet allura, meta ntavolat l-appell, qed taħdem. Hi kellha konsegwentement tmantni lilha nfisha u tikkontribwixxi għall-minuri. Sottomissjoni din li għandha tiġi vvalutata fid-dawl tal-konklużjoni tal-Qorti li l-appellant kien responsabbli għas-separazzjoni bejn il-konjuġi. Ma tarax allura kif dan jista' jippretendi li jiġi għal kollox eżonerat mir-responsabbilità konsegwenzjali li jmantni lill-martu u lill-ibnu. Konsegwentement ukoll il-Qorti ma tistax taċċetta s-sottomissjoni tiegħu li l-appellata ddekadiet mid-drittijiet tagħha tal-manteniment "minħabba l-Infedeltà tagħha". Din, kif fuq irrilevat, ma tirriżultax ippruvata sal-grad li tesiġi l-liġi. Ġie invece ppruvat fil-mori ta' dan l-appell li l-attriċi qiegħda issa taħdem f'impjieg *part time* li jirrendilha bejn Lm50 u Lm70 fix-xahar. Dan l-ammont għandu jiġi kkalkolat fid-dħul globali tal-familja meta jiġi stabbilit il-*quantum* tar-retta alimentari. Kif għandu jitqies ukoll il-fatt illi maż-żmien il-bżonnijiet tal-minuri fir-rigward ta' ċerti aspetti, bħal edukazzjoni, neċessarjament jiżdiedu bl-età. Mill-banda l-oħra l-ammont li qed iddaħħal l-attriċi minn dan l-impjieg *part time* hu wieħed moderat u kkunsidrat meħtieġ biex b'xi mod l-appellata tgħin lilha nfisha halli tkun tista' tlaħħaq. Din il-Qorti jidhrilha allura li l-manteniment ta' Lm35 fil-ġimgħa stabbilit mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata għandu jiġi ridott biss b'Lm5 liri fil-ġimgħal għal Lm30. Il-Qorti tifhem li f'dan il-livell bażiku ta' dħul, kull lira, naħa jew oħra, tgħallem u tifhem li t-tnaqqis li qed isir mhux biss hu ġust għar-raġunijiet fuq premessi, imma ukoll jippermetti lill-mara biex b'xi mod tlaħħaq mal-bżonnijiet familjari waqt li ttaffi xi ftit il-piż tar-raġel li jrid ukoll jaħseb għall-bżonnijiet tiegħu;

L-aħħar aggravju ta' l-appellant hu li d-dekadenza kellha tiġi kkomminata kontra l-attriċi peress li l-aġir tagħha kien l-aktar distruttiv taż-żwieġ. Dan l-aggravju hu għal kollox

infondat u, kif fuq ikkunsidrat, għal kollox negat mill-provi;

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi milqugħ biss fir-rigward tal-*quantum* tal-manteniment li qed jiġi ridott għall-ammont ta' Lm30 fil-ġimgħa b'effett mill-1 ta' Novembru, 1998, u f'dan is-sens is-sentenza appellata qed tiġi riformata. Il-konvenut qed ikun ikkundannat li jħallas minn dakinhar din ir-retta alimentari lill-appellata martu, għaliha u għal binhom minuri. *Għall-bqija s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata*;

L-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif ġà deċiżi mill-Ewwel Qorti, waqt li dawk ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati kwantu għal 4/5 mill-appellant u kwantu għal kwint mill-appellata.